MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 745/2002

**Di Wang Limited**

**vs**

**1. Anthony Micallef**
**2. George u Yvonne konjugi Galea u b'digriet tat-3 ta' Settembru, 2004 il-kunjom Galea ghandu jigi kancellat u sostitwit bil-kunjom 'Casha'**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Dicembru, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm2636.60) jew ammont iehor li jigi likwidat minn dina l-Qorti jekk hemm bzonn ta' periti nominandi rapprezentanti inkwantu ghal Lm1449.00 arretrati ta' kera mill-1 ta' April, 2002 sat-12 ta' Mejju, 2002, meta giet terminata l-kirja tal-fond *"Di Wang Chinese Restaurant"*, 18/22, Triq il-Buttar Marsascala proprjeta' tas-socjeta' attrici mikri lill-konvenuti, u inkwantu

ghal Lm114.98 kont tat-telephone li suppost gie mhallas mill-konvenuti, in kwantu ghal Lm115.73 kont ta' Licenzji pro rata, inkwantu ghal Lm556.89 tiswijiet ta' hsarat li kkagunaw fl-istess fond u in kwantu ghal Lm400 valur ta' oggetti ta' proprjeta' tas-socjeta' attrici li l-konvenuti naqsu li jirritornaw mat-terminazzjoni tal-kirja kollox kif jidher fid-Dok X.

Bl-imghax mill-5 ta' Dicembru, 2002 u bl-ispejjez inkluzi Lm6.00 tal-konsult u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti George u Yvonne konjugi Casha fejn eccepew illi:

Illi trid issir prova illi l-ammonti reklamati mis-socjeta' attrici fl-avviz odjern in kwantu diretti kontra l-eccipjenti huma dovuti.

Salvi ececzzjonijiet ohra.

Rat in-notifika tal-konvenut l-iehor Anthony Micallef illi saret fil-21 ta' Marzu, 2003 illi baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.
Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-fond *"Di Wang Chinese Restaurant"* li hemm fi Triq il-Buttar Marsascala. F'xi zmien dana kien mikri lill-konvenuti permezz ta' skrittura tas-6 ta' Gunju, 2000 a fol 70 tal-process. Il-konvenuti hadu dan il-fond minghand l-awturi taghhom pero' gew rikonoxxuti mid-direttur tas-socjeta' attrici Armando Chircop. Jidher pero' li l-operat tar-restaurant mar hazin u l-konvenuti Casha u Micallef iddecidew li jitterminaw l-iskrittura. Kien hemm pero' xi arrettrati. Fil-mori ta' din il-kawza u cioe' fl-20 ta' Jannar, 2003 sar ftehim bejn il-konvenuti Casha u l-konvenut Micallef illi dan ta' l-*ahhar "…..jiddikjara li hu ser jassumi r-*

*responsabbilta' tal-kreditu allegatament dovut lil Di Wang Limited kif hemm indikat salv xi kontestazzjoni li tista tirrizulta dwar l-ammont attwalment dovut lis-socjeta' Di Wang Limited"*. F'din l-iskrittura saret referenza ghal din il-kawza. Irrizulta illi Armando Chircop ma kienx parti ghal dan il-ftehim.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju illi l-ammont illi qieghda tirreklama s-socjeta' attrici hu naxxenti minn obbligazzjoni kummercjali, quindi l-partijiet kollha huma responsabbli in solidum versu l-kredituri taghhom. Il-ftehim ta' l-20 ta' Jannar, 2003 bejn il-konvenuti ma jaghmilx stat fil-konfront tas-socjeta' attrici la hija ma kienetx parti u lanqas ma tat l-adersjoni formali taghha ghaliha. Ghalhekk salv ir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti, dan il-ftehim ma jolqotx id-drittijiet tas-socjeta' attrici. Ghal dak illi huwa l-quantum il-Qorti hija sodisfatta illi l-ammont ikopri l-perjodu ta' l-okkupazzjoni tal-konvenuti tal-fond fuq imsemmi u huma fil-fatt dovuti. Fil-fatt il-konvenuti Casha mhumiex tant qieghdin ighidu li l-ammont mhuwiex dovut tant illi huwa dovut mill-konvenut Micallef skond ftehim illi huma ghamlu fejn il-konvenuti Casha assumew l-obbligazzjonijiet tan-negozju taghhom versu l-banek, mentri l-konvenut Micallef assuma r-responsabbiltajiet versu s-socjeta' attrici. Kif gia nghad pero' dana huwa arrangament bejniethom u ma jaffettwax id-drittijiet tas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum li jhallsu s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm2636.60) rapprezentanti inkwantu ghal elf erbgha mija disa' u erbghin lira (Lm1,449.00) arretrati ta' kera mill-1 ta' April, 2002 sat-12 ta' Mejju, 2002, meta giet terminata l-kirja tal-fond *"Di Wang Chinese Restaurant"* , 18/22, Triq il-Buttar Marsascala proprjeta' tas-socjeta' attrici mikri lill-konvenuti, u inkwantu ghal mija u erbatax-il lira u tmienja u disghin centezmu (Lm114.98) kont tat-

*telephone* li suppost gie mhallas mill-konvenuti, in kwantu ghal mija u hmistax-il lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm115.73) kont ta' Licenzji pro rata, inkwantu ghal hames mija sitta u hamsin lira u disa' u tmenin centezmu (Lm556.89) tiswijiet ta' hsarat li kkagunaw fl-istess fond u in kwantu ghal erba' mitt lira
(Lm400) valur ta' oggetti ta' proprjeta' tas-socjeta' attrici li l-konvenuti naqsu li jirritornaw mat-terminazzjoni tal-kirja kollox kif jidher fid-Dok X.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------